KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
ippreżentati fl-1 ta' Diċembru 2022 [1]

Kawża C-660/20

MK
vs
Lufthansa CityLine GmbH

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għal ħaddiema part-time – Piloti – Prinċipju ta' *pro rata temporis* – Livell ogħla ta' remunerazzjoni għal sigħat addizzjonali ta' xogħol ta' titjir iktar mil-limitu f'xahar – Limitu li huwa identiku għall-piloti full-time u part-time"

I. Introduzzjoni

1. MK huwa pilota impjegat fuq bażi part-time (90 % ta' sigħat ta' xogħol full-time) mal-Lufthansa City Line GmbH. Minħabba n-natura speċifika tal-professjoni, l-impjieg part-time tiegħu jikkonsisti f'li huwa jingħata jiem addizzjonali ta' leave fis-sena. Madankollu, ma hemmx tnaqqis fl-għadd ta' sigħat tiegħu ta' xogħol ta' titjir matul il-jiem ta' xogħol tiegħu, li fihom huwa b'hekk jaħdem daqslikieku kien pilota full-time. F'dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni ta' dawn is-sigħat ta' xogħol ta' titjir, japplikaw tliet rati miżjuda ta' salarju għas-sigħat ta' xogħol 'il fuq minn tliet limiti progressivi ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir f'xahar. Dawk l-istess limiti japplikaw b'mod uniformi għall-piloti kollha impjegati mal-konvenuta, irrispettivament minn jekk huma jkunux impjegat fuq bażi part-time jew full-time.

2. MK kien tal-fehma li b'riżultat tal-applikazzjoni ta' dawk il-limiti huwa kien qiegħed jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem full-time paragunabbli skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża li ttrasponiet il-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas") [2] Għalhekk, huwa fetaħ kawża kontra l-konvenuta fejn talab id-differenza bejn il-ħlas li huwa kien irċieva u l-ħlas li huwa jgħid li kellu jirċievi, kieku l-limiti inkwistjoni kienu jitnaqqsu proporzjonatament b'rabta mal-impjieg part-time tiegħu.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Ftehim Qafas dwar xogħol part-time anness mad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267).

3. Dik il-kawża MK rebaħha fl-ewwel istanza. Madankollu, huwa sussegwentement tilifha fl-appell. Il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), li semgħet l-appell ta' MK fuq punt ta' liġi, għandha dubju jekk il-limiti uniformi inkwistjoni tabilħaqq iwasslux għal sitwazzjoni li fiha MK qiegħed jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli skont it-tifsira tal-Ftehim Qafas. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u meqjusa d-dubji li qamu dwar din il-kwistjoni fil-ġurisprudenza nazzjonali, il-qorti tar-rinviju hija inċerta dwar il-kriterju adatt sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm inugwaljanza fit-trattament ta' impjegat part-time bħal MK. Jekk ir-regoli inkwistjoni għandhomx tabilħaqq iwasslu sabiex MK ikun ittrattat b'mod inqas favorevoli, il-qorti tar-rinviju titlob ukoll kjarifika dwar jekk tali trattament huwiex iġġustifikat mill-għan segwit minn dawk ir-regoli, jiġifieri sabiex ikun hemm kumpens għal volum ta' xogħol partikolari.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

4. Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas hija dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Il-punti 1 u 2 jaqraw kif ġej:

"1. Fejn għandhom x'jaqsmu il-kondizzjonijiet tax-xogħol, ħaddiema part-time m'għandhomx jiġu ttrattati b'manjiera inqas favorevoli minn ħaddiema full-time ta' l-istess tip biss minħabba li huma jaħdmu part-time kemm-il darba dan it-trattament differenti mhuwiex oġġettivament ġustifikat.

2. Meta approprjat [xieraq], il-prinċipju tal- pro rata temporis għandu japplika."

B. Id-dritt Ġermaniż

5. L-Artikolu 134 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniża, "il-BGB") jipprevedi li kwalunkwe att legali li jikser projbizzjoni statutorja huwa null.

6. L-Artikolu 4(1) tal-Gesetz über Teilzeitarbeit und befristete Arbeitsverträge (il-Liġi dwar Xogħol Part-time u Kuntratti ta' Żmien Definit, "it-TzBfG") jipprevedi li "ħaddiem part-time ma għandux jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem full-time paragunabbli minħabba li jaħdem fuq bażi part-time, sakemm ma jkunx iġġustifikat trattament differenti għal raġunijiet oġġettivi. Il-ħaddiem part-time għandu jirċievi remunerazzjoni jew benefiċċju *pro rata* ieħor, li l-volum tiegħu għandu mill-inqas ikun jikkorrispondi mal-proporzjon tax-xogħol tiegħu kif imqabbel ma' dak ta' ħaddiem full-time paragunabbli."

III. Fatt, proċeduri nazzjonali u d-domandi magħmula

7. MK huwa impjegat mill-konvenuta bħala pilota u first officer mill-2001 'l hawn. Mill-2010 'l hawn huwa jaħdem fuq bażi part-time, jiġifieri li s-sigħat ta' xogħol tiegħu tnaqqsu għal 90 % ta' sigħat ta' xogħol full-time. Għaldaqstant, ir-remunerazzjoni bażika tiegħu tnaqqset b'10 %.

8. F'termini prattiċi, l-impjieg part-time ta' MK jikkonsisti f'li huwa jingħata 37 jum addizzjonali ta' leave fis-sena. Madankollu, l-għadd ta' sigħat ta' xogħol tiegħu ta' titjir ma jitnaqqasx matul il-jiem ta' xogħol tiegħu.

9. Skont il-ftehimiet kollettivi applikabbli dwar pagi għall-ekwipaġġ tal-kabina tal-pilota tal-konvenut, il-ħin ta' xogħol ta' titjir huwa wieħed mill-komponenti ta' ħin ta' xogħol[3]. Ħaddiem jirċievi remunerazzjoni għal sigħat addizzjonali ta' xogħol ta' titjir (*Mehrflugdienststundenvergütung*), minbarra r-remunerazzjoni bażika tiegħu, jekk huwa jkun ħadem ċertu għadd ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir f'xahar u jkun b'hekk qabeż (skatta) il-limiti għal-livell ogħla ta' remunerazzjoni. Għal dak l-għan, il-ftehimiet kollettivi jistabbilixxu tliet rati orarji differenti. Dawn jintużaw sabiex tiġi kkalkolata r-remunerazzjoni jekk il-ħaddiem ikun ħadem, rispettivament, 106, 121 u 136 siegħa ta' xogħol ta' titjir f'xahar għal titjiriet qosra. Limiti ta' skattar inqas, ta' 93, 106 u 120 siegħa ta' xogħol ta' titjir japplikaw għal titjiriet twal. Il-ftehimiet kollettivi ma jipprevedux, dwar ħaddiema li jaħdmu part-time, għal tnaqqis ta' dawk il-limiti f'konformità mal-perċentwali part-time tagħhom.

10. Sabiex tiġi ddeterminata r-remunerazzjoni kull xahar għal sigħat addizzjonali ta' xogħol ta' titjir, il-konvenuta tikkalkola limitu ta' skattar inqas għal kull individwu li jieħu kont tax-xogħol part-time ta' MK. Għal sigħat ta' xogħol ta' titjir li MK jaħdem iktar mil-limitu ta' skattar individwali, huwa jirċievi ħlas għal kull siegħa stabbilita abbażi tar-remunerazzjoni bażika tiegħu. Ikun biss meta l-ħin ta' xogħol tiegħu ta' titjir jaqbeż il-limiti ta' skattar li huwa jirċievi livell ogħla ta' remunerazzjoni.

11. MK fetaħ kawża kontra l-konvenuta, fejn talab pagament tad-differenza bejn ir-remunerazzjoni diġà mħallsa u l-livell ogħla ta' remunerazzjoni għal sigħat addizzjonali ta' xogħol ta' titjir abbażi ta' limiti ta' skattar mnaqqsa proporzjonatament għall-fattur part-time tiegħu.

12. Għalkemm l-Arbeitsgericht München (il-Qorti Industrijali ta' München, il-Ġermanja) laqgħet din it-talba, sussegwentement il-Landesarbeitsgericht München (il-Qorti Industrijali Superjuri ta' München, il-Ġermanja) ċaħditha.

13. Il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali), li semgħet l-appell fuq punt ta' liġi ppreżentat minn MK, tosserva li l-limiti li taw lok għal-livell ogħla ta' remunerazzjoni għal sigħat addizzjonali ta' xogħol ta' titjir japplikaw b'mod uniformi għall-ħaddiema full-time u part-time. Dik il-qorti għandha dubji jekk tali ċirkustanzi jwasslux sabiex ħaddiema part-time jiġu ttrattati inqas favorevoli minn ħaddiema full-time paragunabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tat-TzBfG. Jekk tabilħaqq hemm trattament inqas favorevoli fir-rigward ta' ħlas, dik il-qorti tqis li jeħtieġ jiġi eżaminat jekk dan huwiex iġġustifikat b'raġuni oġġettiva li tippermetti devjazzjoni mill-prinċipju ta' *pro rata temporis*.

14. Filwaqt li osservat li l-Artikolu 4(1) tat-TzBfG jittrasponi l-klawżoli 4(1) u 4(2) tal-Ftehim Qafas fid-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju ma hijiex żgura dwar il-kriterju adatt sabiex ikun stabbilit jekk hemmx inugwaljanza fit-trattament. B'mod iktar speċifiku, din il-qorti ma hijiex ċerta dwar jekk l-evalwazzjoni għandhiex tkun ibbażata fuq il-metodoloġija użata fis-sentenzi fil-kawżi Elsner-Lakeberg[4] u Voß[5] li jinvolvu, fil-fehma tagħha, eżami tad-diversi elementi ta' remunerazzjoni, jew jekk l-evalwazzjoni għandhiex pjuttost tkun iggwidata billi jitqies *il-ħlas*

[3] Isegwi mill-proċess tal-kawża li "sigħat ta' xogħol ta' titjir" tikkomprendi ħin ta' titjir, kif ukoll firxa ta' elementi oħra bħal xogħlijiet ta' tħejjija li jkollhom isiru wara titjira, ħin mogħti, għal struzzjoni, f'simulatur ta' titjira, u oħrajn. Isegwi wkoll mill-proċess tal-kawża li s-sigħat ta' xogħol ta' titjir jikkostitwixxu element wieħed ta' ħin ta' xogħol globali, b'dan tal-aħħar ikun magħmul ukoll, u b'mod partikolari, minn kompitu amministrattivi, xogħol ta' għassa, ħarsien ta' passiġġieri, missjonijiet professjonali, il-ħin mogħti fuq l-art waqt waqfa ta' titjira, jew ħin mogħti għal eżamijiet mediċi.

[4] Sentenza tas-27 ta' Mejju 2004, Elsner-Lakeberg (C-285/02, EU:C:2004:320) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Elsner-Lakeberg").

[5] Sentenza tas-6 ta' Diċembru 2007 Voß (C-300/06, EU:C:2007:757) (iktar 'il quddiem "is-sentenza Voß").

globali kif deċiż, skont il-qorti tar-rinviju, fis-sentenza fil-kawża Helmig[6]. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-użu ta' dan l-aħħar metodu għandu jwassal għall-konklużjoni li r-regoli inkwistjoni ma jinvolvu ebda differenza ta' trattament. Madankollu, l-oppost huwa minnu jekk ikollu jiġi applikat l-ewwel metodu. Skont dak il-metodu, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jkunu aċċettati biss jekk l-għan segwit minnhom, jiġifieri li jkun hemm kumpens għal volum ta' xogħol partikolari, ikun jista' jitqies li jkun raġuni oġġettiva, skont it-tifsira tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas, li tkun tista' tiġġustifika inugwaljanza fit-trattament.

15. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal-deċiżjoni preliminari:

"(1) Dispożizzjoni legali nazzjonali titratta ħaddiema part-time b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema full-time paragunabbli, fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar Xogħol Part-Time li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC [1], meta hija tippermetti li remunerazzjoni addizzjonali għall-ħaddiema parti-time u għall-ħaddiema full-time tiġi suġġetta b'mod uniformi għall-kundizzjoni li l-istess numru ta' sigħat ta' xogħol ikun inqabeż, u għalhekk tawtorizza li tittieħed bħala bażi r-remunerazzjoni globali u mhux l-komponent tar-remunerazzjoni li jikkorrispondi għar-remunerazzjoni addizzjonali?

Sa fejn l-ewwel domanda tiġi risposta fl-affermattiv:

(2) Dispożizzjoni legali nazzjonali li tippermetti li dritt għal remunerazzjoni addizzjonali jiġi suġġett għall-kundizzjoni li l-istess numru ta' sigħat ta' xogħol ikun inqabeż b'mod uniformi għall-ħaddiema part-time u għall-ħaddiema full-time hija kompatibbli mal-punt 1 tal-klawżola 4, u mal-prinċipju tal-*pro rata temporis* stabbilit fil-punt 2 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar Xogħol Part-Time li jinsab fl-anness tad-Direttiva 97/81/KE, meta r-remunerazzjoni addizzjonali jkollha bħala għan li tikkumpensa volum ta' xogħol partikolari?"

16. Osservazzjonijiet bil-miktub intbagħtu minn MK, mill-konvenuta, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet, flimkien mal-Gvern Daniż, Pollakk u Norveġiż ippreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tal-21 ta' Settembru 2022.

IV. Analiżi

17. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment għandha dubju jekk dispożizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni, stabbiliti fi ftehimiet kollettivi, joħolqux inugwaljanza fit-trattament bejn impjegati part-time u full-time, peress li ż-żewġ kategoriji ta' impjegati għandhom l-istess "limitu" ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir sabiex ikunu intitolati għal rata ta' salarju miżjuda, applikabbli għas-sigħat ta' xogħol 'il fuq minn dawn il-valuri ta' limitu[7].

[6] Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1994, Helmig *et* (C-399/92, C-409/92, C-425/92, C-34/93, C-50/93 u C-78/93, EU:C:1994:415) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Helmig").

[7] Għalkemm il-formulazzjoni tad-domandi magħmula jirreferu għal "dispożizzjoni legali nazzjonali", mid-deċiżjoni tar-rinviju isegwi li l-livell ta' remunerazzjoni li jirriżulta mill-limiti uniformi inkwistjoni huwa previst minn ftehimiet kollettivi. Mid-digriet tar-rinviju jsegwi wkoll li jistgħu japplikaw sitt limiti uniformi għal MK (tlieta għal titjiriet qosra u tlieta għal titjiriet twal) (ara l-punt 9 iktar 'il fuq). Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet, dawn il-valuri differenti ma jitolbux analiżi separata, minħabba li dak li huwa rilevanti f'din il-kawża, u jikkonċernahom kollha, hija l-uniformità tal-applikazzjoni tagħhom għal piloti full-time u part-time.

18. Permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju għandha dubju jekk inugwaljanza fit-trattament bejn piloti part-time u full-time li toriġina mill-applikazzjoni uniformi ta' dawk il-limiti għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema, jekk tiġi stabbilita, tistax tkun iġġustifikata billi jingħata kumpens għal volum ta' xogħol partikolari.

19. Kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn il-konklużjonijiet ser nittratta biss *l-ewwel domanda*.

20. Ir-raġuni bażika għal din id-domanda, relatata mal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' inugwaljanza fit-trattament bejn ħaddiema, hija li, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, hemm żewġ kriterji differenti li joriġinaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li jistgħu jintużaw f'dan ir-rigward. L-applikazzjoni tal-ewwel jew tat-tieni kriterju tista' ġġib magħha riżultat differenti, u b'hekk tinħoloq inċertezza dwar ir-risposta korretta.

21. Sabiex nindirizza din id-domanda, l-ewwel ser nagħmel xi osservazzjonijiet preliminari dwar jekk il-Ftehim Qafas, kif ukoll il-ġurisprudenza li l-qorti tar-rinviju tistrieħ fuqha, japplikawx għal dan il-każ (A). Imbagħad ngħaddi għall-analiżi ta' dik il-ġurisprudenza sabiex nidentifika l-kriterju korrett li joħroġ minn dan (B). Fl-aħħar nett, ser nissuġġerixxi li l-applikazzjoni ta' dak il-kriterju twassal għall-konklużjoni li s-sitwazzjoni inkwistjoni ma tirriżultax f'differenza fit-trattament (C).

A. Osservazzjonijiet preliminari

22. Din il-kawża hija dwar l-interpretazzjoni tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni ta' impjegati part-time stabbilita fil-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas. Għalhekk, jeħtieġ jiġi vverifikat jekk il-Ftehim Qafas japplikax għas-sitwazzjoni ta' MK (1) u, jekk dan ikun il-każ, jekk il-ġurisprudenza li l-qorti tar-rinviju tistrieħ fuqha u diskussa fit-tul mill-partijiet f'dawn il-proċeduri tapplikax għal sitwazzjonijiet regolati minn dak l-istrument (2).

1. Il-Ftehim Qafas huwa applikabbli?

23. Ir-regoli li jiddefinixxu l-limiti ta' skattar inkwistjoni jinsabu fi ftehimiet kollettivi. Infakkar li dawk l-istrumenti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas, li japplika, skont il-klawżola 2(1) tiegħu, "għal ħaddiema part-time li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' mpjieg kif definiti mil-liġi, mill-*ftehim kollettiv* jew skond il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru"[8].

24. Barra minn dan, dwar jekk il-Ftehim Qafas japplikax għal MK, ninnota li l-klawżola 3.1 torbot it-terminu ta' impjegat part-time ma' "ħaddiem li s-sigħat normali tax-xogħol tiegħu, ikkalkulati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja għal perjodu ta' impjieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' ħaddiem full-time ta' l-istess tip." Huwa minnu li MK ma għandux sigħat fissi ta' xogħol kull ġimgħa, meqjusa n-natura speċifika tal-professjoni tiegħu (li għaliha nerġa' nirreferi f'iktar dettall fit-taqsima C.1 ta' dawn il-konklużjonijiet). Madankollu, il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas tistabbilixxi prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni li ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv[9]. Fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika ta' MK, nifhem li huwa jaħdem inqas

[8] L-enfasi hija tiegħi. Dwar il-ħtieġa tar-regoli mfassla mill-imsieħba soċjali għall-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Hein (C-385/17, EU:C:2018:666, "Konklużjonijiet fil-kawża Hein", punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[9] Sentenza tas-7 ta' Lulju 2022, Zone de secours Hainaut-Centre (C-377/21, EU:C:2022:530; iktar 'il quddiem is-"sentenza Zone de secours Hainaut-Centre"; punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

sigħat ta' xogħol fis-sena minn impjegat full-time komparabbli, minħabba li din hija l-konsegwenza meħtieġa tas-37 jum addizzjonali ta' leave fis-sena li huma ngħata sabiex tkun riflessa s-sitwazzjoni part-time tiegħu, li b'riżultat tagħha s-salarju tiegħu tnaqqas b'10 %. Għalhekk, inqis li MK huwa impjegat part-time skont it-tifsira tal-Ftehim Qafas.

25. Fl-aħħar nett, ma hemmx dubju li s-salarju jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "kondizzjonijiet tax-xogħol", imsemmi fil-klawsola 4(1) tal-Ftehim Qafas. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li kundizzjonijiet finanzjarji bħal dawk relatati ma' ħlas huma koperti b'dak il-kunċett [10] Għalhekk, jiena tal-fehma li t-talba ta' MK hija marbuta ma' kundizzjoni tax-xogħol skont it-tifsira tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas.

2. Il-ġurisprudenza li fuqha tibbaża l-qorti tar-rinviju hija applikabbli?

26. Wara li stabbilixxejt li t-tilwima fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas, infakkar li l-kwistjoni ewlenija f'din il-kawża hija jekk is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali hijiex ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra impjegati part-time kif sanċita fil-klawżola 4.

27. Meta tisħaq dwar l-inċertezzi tagħha dwar il-kriterju li għandu jiġi applikat f'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju tibbaża primarjament fuq tliet sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja: Helmig, Elsner-Lakeberg u Voß. Għandu jitfakkar li kull waħda minn dawn il-kawżi tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa, stabbilit (fil-preżent) fl-Artikolu 157 TFEU, u/jew tad-Direttiva dwar Paga Ndaqs [11]. Għalkemm dawn il-kawżi kienu jikkonċernaw ukoll impjegati part-time, il-Ftehim Qafas ma ssemmiex [12].

28. Għall-kuntrarju, u kif diġà ġie nnotat, din il-kawża tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas li huwa strument li għandu l-għan speċifiku li jippromwovi x-xogħol part-time u li jelimina d-diskriminazzjoni bejn impjegati part-time u full-time [13] F'dan ir-rigward, huwa jistabbilixxi regoli ta' protezzjoni minima [14].

29. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni kontra impjegati part-time hija stabbilita fil-klawżola 4(1), li tgħid li "Fejn għandhom x'jaqsmu il-kondizzjonijiet tax-xogħol, ħaddiema part-time m'għandhomx jiġu ttrattati b'manjiera inqas favorevoli minn ħaddiema full-time ta' l-istess tip biss minħabba li huma jaħdmu part-time kemm-il darba dan it-trattament differenti mhuwiex oġġettivament ġustifikat." Il-klawżola 4(2) żżid li "Meta approprjat, [xieraq] il-prinċipju tal-pro rata temporis għandu japplika."

[10] Sentenza Zone de secours Hainaut-Centre, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 179) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar Paga Ndaqs". Din id-direttiva kienet ġiet issostitwita bid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU 2006 L 204, p. 23).

[12] Il-fatti li joriġinaw mis-sentenzi Helmig, Elsner-Lakeberg u, parzjalment, minn Voß, jidhru li kienu ġew qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni applikabbli għall-obbligi stabbiliti fil-Ftehim Qafas.

[13] Ara s-sentenza Zone de secours Hainaut-Centre, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[14] Skont il-klawżola 6(1) tal-Ftehim Qafas, "L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk stabbiliti f'dan il-ftehim." Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Greenfield (C-219/14, EU:C:2015:745, iktar 'il quddiem is-"sentenza Greenfield", punt 39).

30. Naqbel mal-partijiet għal dawn il-proċeduri li għamlu l-osservazzjoni fis-seduta li l-fatt li l-ġurisprudenza li l-qorti tar-rinviju tibbaża oriġinat minn kawżi dwar paga ugwali għall-irġiel u għan-nisa ma taffettwax, minnha nnifisha, ir-rilevanza tagħha għall-finijiet ta' din il-kawża. Fil-kawżi Helmig, Elsner-Lakeberg u Voß il-Qorti tal-Ġustizzja rraġunat f'żewġ stadji, kif osserva l-Gvern Pollakk. Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat id-differenzi allegati fit-trattament bejn impjegat full-time u part-time qabel ma analizzat jekk dik id-differenza, meta kienet ġiet stabbilita, kinitx affettwat iktar lin-nisa milli lill-irġiel (b'dik l-evalwazzjoni titħalla għall-qorti tar-rinviju).

31. Fuq kollox, u kif fakkar il-Gvern Daniż, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fil-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni indirizzata fid-Direttiva dwar Paga Ndaqs huma espressjonijiet partikolari tal-istess prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza li permezz tiegħu sitwazzjonijiet paragunabbli ma għandhomx ikunu ttrattati b'mod differenti sakemm id-differenza ma tkunx iġġustifikata b'mod oġġettiv [15]. Fl-aħħar nett, ma nista' nara xejn fil-formulazzjoni tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas, jew f'xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-istrument, barra minn hekk, li għandha taffettwa r-rilevanza tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq għall-finijiet ta' din il-kawża.

32. Kif diġà ġie nnotat fil-qosor iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-fraži "kondizzjonijiet tax-xogħol" użata fil-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas tapplika għall-kundizzjonijiet finanzjarji tal-impjieg minħabba li interpretazzjoni kuntrarja ċċaħħad il-prinċipju ta' *pro rata temporis* mill-effett utli tiegħu – "prinċipju li skont id-definizzjoni tiegħu stess japplika biss fil-preżenza ta' benefiċċji diviżibbli, bħal dawk li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet finanzjarji tal-impjieg marbuta, pereżempju, mar-remunerazzjoni u mal-pensjonijiet" [16] Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet ukoll li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas għandu jiġi applikat kemm għall-elementi li jikkostitwixxu r-remunerazzjoni, kif ukoll għal livelli ta' dawk l-elementi li jikkostitwixxuha [17].

33. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja isegwi li l-prinċipju ta' *pro rata temporis* jikkostitwixxi "għodda fakultattiva" sabiex proporzjonatament jitnaqqsu ċerti drittijiet tal-impjegati part-time, b'mod proporzjonat mal-ħinijiet tax-xogħol mqabbla mal-ħinijiet tax-xogħol ta' impjegati full-time [18]. Tabilħaqq, li jitqies il-ħin imnaqqas ta' xogħol kif ipparagunat ma' dak ta' ħaddiem full-time jikkostitwixxi kriterju oġġettiv li jippermetti tnaqqis proporzjonat tad-drittijiet tal-ħaddiema konċernati [19].

[15] Ara, f'dan ir-rigward, s-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel (C-313/02, EU:C:2004:607, punt 56) dwar il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas u tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187). Din id-direttiva kienet ġiet imħassra bid-Direttiva 2006/54 imsemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 iktar 'il fuq. Ara wkoll is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2017, Kleinsteuber (C-354/16, EU:C:2017:539, iktar 'il quddiem is-"sentenza Kleinsteuber", punt 39).

[16] Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et* (C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, is-"sentenza Bruno *et*", punt 34 kif ukoll punt 42). B'dik il-kjarifika l-Qorti tal-Ġustizzja forsi xtaqet ixxejjen id-dubji li jistgħu joriġinaw mill-fatt li l-Artikolu 153(5) TFUE (li kien l-Artikolu 137(5) KE) jeskludi l-kompetenza tal-Unjoni fir-rigward, *inter alia*, ta' pagi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li din l-esklużjoni tikkonċerna l-armonizzazzjoni tal-livell tal-pagi iżda ma estendietx għal "kull kwistjoni li tippreżenta xi tip ta' rabta mar-remunerazzjoni". Ara Bruno *et*, punt 37. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll fl-istess sentenza li, fir-rigward tal-pensjonijiet, il-Ftehim Qafas ikopri biss dawk li jiddependu minn relazzjoni ta' impjieg, għall kuntrarju ta' pensjonijiet legali ta' sigurtà soċjali.

[17] Sentenza Bruno *et*, punt 40. Ara wkoll is-sentenza tas-7 ta' April 2022, Ministero della Giustizia *et* (Status tal-giudiċi di pace Taljani) (C-236/20, EU:C:2022:263, iktar 'il quddiem is-"sentenza Status tal-giudiċi di pace Taljani", punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[18] Sabiex nuża ftit mit-termini adottati mill-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Hein (C-385/17, EU:C:2018:666, punti 45 u 46).

[19] Sentenza Status tal-giudiċi di pace Taljani, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll is-sentenza Kleinsteuber, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata; Zone de secours Hainaut-Centre, punt 57 u d-digriet tat-3 ta' Marzu 2021, iktar 'il quddiem id-"digriet Fogassa" (C-841/19, EU:C:2021:159, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34. B'mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li kien jixraq li hija tibbaża fuq il-prinċipju ta' *pro rata temporis* sabiex jitnaqqas b'mod proporzjonat it-tul tal-leave annwali [20], l-ammont ta' pensjoni tal-irtirar [21] jew l-ammont ta' allowance għall-ulied [22] Il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat ukoll, f'dak il-kuntest, aġġustament ta' massimu sabiex il-pagament isir lil impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjegahom [23], u ddeċidiet bħala kompatibbli mal-Ftehim Qafas regoli li, sabiex tiġi kkalkulata r-remunerazzjoni ta' impjegat full-time, jakkreditaw l-ammont (inqas) ta' ħin ta' xogħol maħdum qabel fuq bażi part-time [24].

35. Għall-kuntrarju ta' dawk is-sitwazzjonijiet, ma jidhirx li jsegwi mill-proċess tal-qorti li kienu tnaqqsu benefiċċji ta' impjieg jew ħlas b'paragun mal-benefiċċji jew ħlas li jirċievu piloti full-time. Anzi, nifhem li t-talba ta' MK tikkonsisti fl-argument li s-sitwazzjoni part-time tiegħu tagħmilha diffiċli għalih jilħaq il-limiti tal-iskattar uniformi u jikseb salarju ogħla għas-sigħat ta' xogħol li jkun ħadem ta' titjiriet 'il fuq minn dawk limiti. Id-domanda li għandha tingħata risposta għaliha f'dan il-kuntest hija, għalhekk, jekk il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fil-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas tkoprix ukoll din is-sitwazzjoni speċifika.

36. Qabel ma ngħaddi għall-evalwazzjoni ta' dik it-teżi, irrid niċċara l-kriterju li għandu jintuża għall-verifika ta' jekk hemmx tabilħaqq differenza fit-trattament ta' impjegati part-time fir-rigward ta' ħlas. Għal dan il-fini, irrid issa ngħaddi għall-ġurisprudenza li fuqha bbażat il-qorti tar-rinviju.

B. Fuq il-kriterju li joriġina mis-sentenzi Helmig, Elsner-Lakeberg u Voß

37. Kif diġà nnotajt, il-ġurisprudenza rilevanti hija, f'dan il-kuntest, riflessa fis-sentenzi Helmig, Elsner-Lakeberg u Voß. Madankollu, il-partijiet f'dawn il-proċeduri ma jaqblux dwar l-implikazzjonijiet preċiżi ta' dawk sentenzi meta wieħed jiġi sabiex jevalwa jekk hemmx inugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta' ħlas. Sabiex niċċara dan il-punt, irrid nitkellem dwar l-iżviluppi progressivi li seħħew f'dawk it-tliet sentenzi (1) u nidentifika l-kriterju li jirriżulta minnhom (2).

1. Mis-sentenza Helmig għas-sentenza Elsner-Lakeberg u wara s-sentenza Voß

38. L-ewwel, is-sentenza Helmig, mogħtija fl-1994, kienet dwar impjegati part-time li kienu qegħdin jitolbu suppliment ta' sahra għal sigħat ta' xogħol li kienu ħadmu iktar mis-sigħat ta' xogħol part-time individwali tagħhom, anki għalkemm tali suppliment kien jingħata lil impjegati biss meta huma jkunu qabżu s-sigħat ta' xogħol full-time. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-assenza ta' differenza fit-trattament. Dan kien għaliex, meta jkunu ħadu r-rata ordinarja għal kull siegħa għall-ħin addizzjonali ta' xogħol tagħhom (iktar mis-sigħat ta' xogħol part-time tagħhom u sas-sigħat ta' xogħol full-time), l-impjegati part-time kienu jirċievu l-istess ħlas bħal dak tal-impjegati full-time għall-istess għadd ta' sigħat li jkunu ħadmu. Kien f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 26 tas-sentenza, li "ikun hemm inugwaljanza fit-trattament kull darba li *l-ħlas globali* ta' impjegati full-time tkun ogħla minn dik ta' impjegati

[20] Sentenzi tat-22 ta' April 2010, Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols (C-486/08, EU:C:2010:215, punt 33) u Greenfield, punt 32.

[21] Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Schönheit u Becker (C-4/02 u C-5/02, EU:C:2003:583, punti 90 sa 93).

[22] Sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Österreichischer Gewerkschaftsbund (C-476/12, EU:C:2014:2332, punt 25).

[23] Digriet Fogasa, punti 41 sa 49.

[24] Sentenza Zone de secours Hainaut-Centre, punt 60 u 67.

part-time għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol li jkunu ħadmu abbażi ta' relazzjoni ta' impjieg"[25]. B'hekk il-kriterju li jirriżulta jipprojbixxi li salarju għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol ikun inqas.

39. Meqjus it-terminu "globali", il-metodu fis-sentenza Helmig jissemma bħala l-kriterju ta' "ħlas globali". Meqjus waħdu, mingħajr il-fatti speċifiċi jew il-kuntest ta' dik il-kawża, din il-kwalifika tista' tkun, fil-fehma tiegħi, sa ċertu punt qarrieqa minħabba li dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkonsiderazzjoni kien "ħlas" għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol. L-użu tat-terminu "globali" jirrifletti, fil-fehma tiegħi, il-fatt li t-talba tar-rikorrenti kienet tikkonċerna l-ħlas tagħhom għax-xogħol tagħhom f'sahra bħala element speċifiku tas-salarju tagħhom. Għall-kuntrarju, dan it-terminu ma jfissirx li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma teżaminax l-elementi tas-salarju. Pjuttost għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset dawk l-elementi individwali (l-element irremunerat abbażi tar-rata ordinarja u l-element ibbażat fuq is-salarju miżjud) u ddeċidiet, skont dak l-eżami, li s-sitwazzjoni attwali ma kinitx tinvolvi trattament differenzjat[26].

40. It-tieni, is-sentenza Elsner-Lakeberg, mogħtija fl-2004, kienet dwar għalliema part-time. Fir-rigward ta' impjegati kemm part-time kif ukoll full-time l-ewwel tliet sigħat ta' xogħol ta' sahra ma kinux irremunerati bħala sigħat addizzjonali ta' xogħol. E. Elsner-Lakeberg, li kienet qiegħda taħdem fuq bażi part-time ta' 15-il siegħa fil-ġimgħa, kien jeħtiġilha taħdem 2.5 sigħat żejda. L-applikazzjoni tar-regola msemmija iktar 'il fuq kienet tfisser li hija ma rċevietx ħlas addizzjonali f'dak ir-rigward.

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dik is-sitwazzjoni kienet tammonta f'differenza fit-trattament. Hija setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha billi applikat il-kriterju stabbilit fis-sentenza Helmig minħabba li, għall-istess sigħat ta' xogħol, E. Elsner-Lakeberg kienet irċeviet remunerazzjoni inqas minn ħaddiem full-time (li wkoll kien imħallas għal dawk it-2.5 sigħat żejda ta' xogħol skont l-iskema full-time). Għalhekk, hija kienet ġiet ittrattata b'mod inqas favorevoli minn impjegat full-time. Fil-fatt, din kienet il-motivazzjoni adottata mill-Avukat Ġenerali Jacobs[27].

42. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset is-sitwazzjoni minn aspett differenti. Hija spjegat li "trasparenza ġenwina li tippermetti kontroll effikaċi hija assigurata biss jekk [il-prinċipju ta' paga ugwali] jiġi applikat għal kull aspett tal-paga mogħtija […], *bl-esklużjoni ta' evalwazzjoni globali ġenerali* tar-remunerazzjoni mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati"[28].

43. Billi applikat dak il-kriterju għall-fatti tal-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li r-regola inkwistjoni kienet tirrifletti "piż akbar" għall-impjegati part-time[29]. Il-fatt li l-għadd ta' sigħat addizzjonali ta' tagħlim li jġib id-dritt għal suppliment ta' sahra ma kienx tnaqqas għal għalliema part-time b'mod proporzjonat mas-sigħat ta' xogħol tagħhom kien ifisser li huma kienu ttrattati b'mod differenti minn għalliema full-time[30].

[25] L-enfasi hija tiegħi. Ara wkoll is-sentenza tas-6 ta' Frar 1996, Lewark (C-457/93, EU:C:1996:33, punt 25). Dik il-kawża kienet dwar persuna li timpjega li rrifjutat tagħti kumpens għall-ħin li impjegat part-time qatta' f'kors ta' taħriġ meta l-kors kien dam iktar mis-sigħat ta' xogħol part-time rispettivi.

[26] Sentenza Helmig, punti 27 sa 30.

[27] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Elsner-Lakeberg (C-285/02, EU:C:2003:561, punt 20).

[28] Sentenza Elsner-Lakeberg, punt 15. L-enfasi hija tiegħi.

[29] Abbażi tal-fatt li tliet sigħat ta' sahra mingħajr ħlas addizzjonali kienet tirrappreżenta żieda ta' 5% iktar mill-ħin tax-xogħol (part-time) (li jinvolvi skeda kull xahar ta' 60 siegħa), filwaqt li kienet tirrappreżenta biss madwar 3% iktar għall-impjegati full-time (li kellhom skeda kull xahar ta' 98 siegħa).

[30] Sentenza Elsner-Lakeberg, punt 17.

44. Isegwi mill-motivazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li hija ddeċidiet li ma tużax il-kriterju żviluppat fil-kawża Helmig li kien iwassal, minn naħa, għall-istess riżultat ġenerali f'każ li kien hemm differenza fit-trattament, iżda li, min-naħa l-oħra, kien iġib riżultat speċifiku differenti għar-rikorrent. Tabilħaqq kieku l-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-kriterju użat fis-sentenza Helmig, E. Elsner-Lakeberg ma kinitx tkun intitolata għall-ħlas bħal tal-ewwel siegħa ta' sahra minflok l-ammont ta' ħin ta' xogħol mingħajr ħlas addizzjonali li sempliċiment kien ikollu jitnaqqas proporzjonatament.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, iddeċidiet li tuża għal darb'oħra l-kriterju Helmig fis-sentenza tagħha Voß, li tikkostitwixxi t-tielet pronunzjament ġudizzjarju rilevanti għal din il-kawża. Voß kienet dwar għalliema impjegata fuq bażi part-time, li kienet taħdem diversi sigħat iktar minn dawk stipulati fil-kuntratt tagħha ta' xogħol part-time. Hija kienet titħallas għal dawk is-sigħat żejda b'rata *inqas* mir-rata applikabbli għal sigħat ordinarji ta' xogħol. Dik ir-rata mnaqqsa kienet tapplika wkoll għall-ħaddiema full-time li kienu jaħdmu għal ħin addizzjonali ladarba jkunu jaħdmu iktar mil-limitu full-time tagħhom.

46. Filwaqt li rreferiet għall-kriterju użat f'Helmig [31], il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li Voß kienet irċeviet remunerazzjoni li, għal għadd ndaqs ta' sigħat ta' xogħol, kienet inqas minn dik ta' għalliem full-time, fir-rigward tas-sigħat ta' xogħol maħduma iktar mill-ħin part-time u sal-ħin ordinarju [32]. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad kompliet tispjega għaliex inqalgħet tali sitwazzjoni u hija għamlet dan permezz ta' "[a]naliżi tal-elementi tar-remunerazzjoni", li, *in casu*, kienu l-għadd rispettiv ta' sigħat ta' xogħol part-time u full-time, kif ukoll il-fatt li r-rata mnaqqsa ta' remunerazzjoni kienet tapplika għall-għalliema part-time mill-ewwel siegħa li teċċedi l-ħin ta' xogħol normali (part-time), filwaqt li tapplika għall-għalliema full-time biss fir-rigward ta' sigħat maħduma lil hinn mil-livell full-time [33].

2. *Mis-sentenza* Voß *lura għas-sentenza* Helmig

47. Ninnota li ħafna mid-diskussjoni bejn il-partijiet f'dawn il-proċeduri kienet iddur mal-kriterju korrett li għandu jirriżulta mis-sentenza Voß. Kif isegwi mid-deskrizzjoni iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tuża l-kriterju żviluppat fis-sentenza Helmig. Hija rriferiet għal dan il-kriterju u applikatu.

48. Il-Kummissjoni targumenta l-kuntrarju, billi tinnota f'dak ir-rigward l-użu tal-frażi "[g]ħall-kuntrarju" fil-punt 32 tas-sentenza Voß. F'dak il-punt ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeskrivi l-ġurisprudenza tagħha u tiġbed l-attenzjoni għad-differenzi rispettivi fir-riżultat fis-sentenza Helmig, min-naħa, u fis-sentenza Elsner-Lakeberg, min-naħa l-oħra: ma kienx hemm differenza fit-trattament f'ta' l-ewwel u, "għall-kuntrarju" tagħha, kien hemm differenza fit-trattament fl-oħra [34].

[31] Sentenza Voß, punt 29, b'riferiment espress għall-punt 26 tas-sentenza Helmig u b'riproduzzjoni *verbatim* tat-test żviluppat f'dik is-sentenza.

[32] Sentenza Voß, punti 34 u 35.

[33] Sentenza Voß, punti 36 u 37.

[34] Sentenza Voß, punt 32 flimkien mal-punt 31.

49. L-argument tal-Kummissjoni, għalhekk, aktarx iħawwad. Kif il-Gvern Daniż u l-Gvern Norveġiż b'mod konsistenti spjegaw fis-seduta, it-terminu "għall-kuntrarju" huwa sempliċiment parti mid-deskrizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel tal-ġurisprudenza preċedenti tagħha stess u ma tiżvela xejn dwar l-għażla tagħha fis-sentenza Voß bejn iż-żewġ metodi adottati fis-sentenza Helmig u fis-sentenza Elsner-Lakeberg rispettivament.

50. Dak li ġenwinament jidher dwar dik l-għażla huwa, kif diġà nnutajt, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja rriferiet fis-sentenza Voß għall-kriterju żviluppat fis-sentenza Helmig u applikatu għall-fatti tal-każ [35].

51. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja marret anki lil hinn minn hekk u impliċitament tbiegħdet mill-metodu użat fis-sentenza *Elsner-Lakeberg* minħabba li, meta tiddeskrivi (fis-sentenza Voß) ir-raġunament tagħha stess, kif mogħti qabel fis-sentenza Elsner-Lakeberg, dik id-deskrizzjoni ma hijiex għalkollox preċiża. Minflok ma deskriviet il-metodu ta' "piż akbar" li hija attwalment kienet użat fis-sentenza Elsner-Lakeberg, il-Qorti tal-Ġustizzja tispjega, *a posteriori*, ir-riżultat li hija waslet għalih f'dik il-kawża b'loġika meħuda mis-sentenza Helmig li, madankollu, hija kompletament nieqsa fil-motivazzjoni fis-sentenza Elsner-Lakeberg [36].

52. Madankollu, huwa minnu li fil-punt 36 tas-sentenza Voß, wara li kienet *diġà* kkonkludiet li ma kienx hemm differenza fit-trattament (bl-applikazzjoni tal-kriterju żviluppat fis-sentenza Helmig), il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet għal "[a]naliżi tal-elementi tar-remunerazzjoni" inkwistjoni. Madankollu, ir-riferiment għall-"elementi tar-remunerazzjoni" ma jdawwarx l-analiżi għall-eżami tal-impatt proporzjonat tal-"piż" li r-remunerazzjoni bbażata fuq rata ta' salarju tkun tirrappreżenta għall-impjegat part-time. Anzi, ir-riferiment għall-elementi tas-salarju sempliċiment għandu l-għan li tkun spjegata f'iktar dettall il-konklużjoni preċedenti dwar ħlas inqas li U. Voß kienet irċeviet għas-sigħat li ħadmet iktar mix-xogħol part-time individwali tagħha [37].

53. Dak ir-riferiment importanti jalludi, fil-fehma tiegħi, għall-idea li, kif kien tqies qabel mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża JämO, "trattament ta' kull element ta' remunerazzjoni b'mod indipendenti għall-fini ta' paragun ta' paga ugwali għandu b'mod ġenerali jkun l-uniku mod sabiex tkun żgurata ugwaljanza […] sabiex tinkiseb it-trasparenza u jkun żgurat stħarriġ ġudizzjarju effettiv". [38]

54. Tabilħaqq, meta l-paragun tal-elementi rispettivi jkun possibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja daħlet f'analiżi iktar iddettaljata u rrifjutat taċċetta li xi elementi ta' salarju setgħu b'mod reċiproku jikkumpensaw lil xulxin. F'dik il-linja ta' ħsieb hija rrifjutat, fis-sentenza Barber li tpaċi drittijiet għal pensjoni diskriminatorja ma' ammont ogħla tal-pagament għal sensja minħabba li s-sitwazzjoni li kienet tirriżulta kienet tkun għadha inqas vantaġġuża għall-grupp diskriminat [39].

[35] Ara l-punt 29 fejn jittenna t-test żviluppat fis-sentenza Helmig, u l-punti 34, 35 u 37 għall-applikazzjoni ta' dan it-test għall-fatti tal-każ.

[36] Il-kriterju kien l-istess bħar-raġunament issuġġerit mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Elsner-Lakeberg (C-285/02, EU:C:2003:561), kif sewwa spjega l-Gvern Daniż fis-seduta. Ara iktar 'il fuq fil-punt 41 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 27 ta' dawn il-konklużjonijiet. Qabbel il-punti 33 u 34 tas-sentenza Voß mal-punt 17 tas-sentenza Elsner-Lakeberg.

[37] Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad tadotta konklużjoni finali dwar id-differenza fit-trattament fil-punt 37 billi tosserva, skont ma' dak li hija kienet diġà nnotat fil-punti 34 u 35 (u skont il-kriterju fis-sentenza Helmig), li r-remunerazzjoni tal-impjegati part-time għas-sigħat inkwistjoni kienet *in casu* inqas mir-remunerazzjoni tal-impjegati full-time.

[38] Konklużjonijiet fil-kawża JämO (C-236/98, EU:C:1999:618, iktar 'il quddiem il-"konklużjonijiet fil-kawża JämO', punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Sentenza tas-17 ta' Mejju 1990, Barber (C-262/88, EU:C:1990:209, punti 6, 34 u 35). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Van Gerven fil-kawża Barber (C-262/88, EU:C:1990:34, punti 7 u 8) u l-konklużjonijiet f'JämO, punt 33.

Madankollu, jista' tabilħaqq ikun hemm ċirkustanzi li fihom tali eżami ma jkunx prattikabbli minħabba li l-iskema ta' ħlas tkun kumplessa. Il-medodu waħdani li jagħmel paragun b'tifsira f'tali ċirkustanzi jkun, sabiex nuża kliemha, wieħed "globali" [40]

55. Madankollu, tali kuntest la kien fil-kawża Helmig u lanqas fil-kawża Voß u fihom it-tnejn il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod espliċitu jew impliċitu kienet attenta għall-elementi individwali tas-salarju. Għalhekk, ma huwiex korrett li dawk iż-żewġ kawżi jiġu ddifferenzjati, min-naħa, u l-kawża Elsner-Lakeberg, min-naħa l-oħra, abbażi tal-metodu individwali jew inqas individwali adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Iżda, dik il-perspettiva preċiża kienet adottata minn xi wħud mill-partijiet f'dawn il-proċeduri.

56. Tabilħaqq, issemma l-metodu adottat fil-kawża Elsner-Lakeberg, f'dawn il-proċeduri, bħala li jinvolvi li jittieħdu inkonsiderazzjoni "elementi individwali" tas-salarju. Tali karatterizzazzjoni hija pjuttost qarrieqa jekk l-għan tagħha jkun li ssir distinzjoni bejn il-metodu użat fil-kawża Elsner-Lakeberg u dak fil-kawża Helmig. Kif spjegajt iktar 'il fuq, l-evalwazzjoni fil-kawża Helmig u wara fil-kawża Voß ma kinitx inqas iddettaljata minn dik li saret fil-kawża Elsner-Lakeberg. Fit-tliet kawżi kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ir-remunerazzjoni għal sigħat ordinarji, min-naħa, u għal dawk maħduma f'sahra, min-naħa l-oħra. Dak li ġenwinament huwa differenti bejn is-sentenzi Helmig u Voß minn naħa, u s-sentenza Elsner-Lakeberg, min-naħa l-oħra, huwa li, fis-sentenza Elsner-Lakeberg, il-Qorti tal-Ġustizzja ma rrikjedietx li l-istess sigħat ta' xogħol għandhom dejjem jiġu rremunerati bl-istess salarju (u mhux b'wieħed inqas). Għall-kuntrarju tas-sentenza Helmig (u wara tas-sentenza Voß), dik is-sentenza impliċitament taċċetta, bħala li ma tikkostitwixxix differenza fit-trattament, is-sitwazzjoni fejn il-piż ta' ħlas inqas (jew attwalment ebda ħlas) sempliċiment tittaffa għall-impjegati part-time proporzjonatament mas-sitwazzjoni part-time tagħhom.

57. Wieħed jista' jissuġġerixxi li, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-kriterju tas-sentenza *Helmig* ta' "l-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol għandha tfisser l-istess ħlas" f'dak il-kuntest speċifiku, hija kienet tagħti bidu sabiex tiġi applikata ħażin ir-regola nazzjonali inkwistjoni fir-rigward tal-impjegati part-time. Tabilħaqq, jekk l-istess sigħat ta' xogħol għandha dejjem tfisser l-istess ħlas, l-obbligu li wieħed jaħdem mingħajr ħlas addizzjonali għal diversi sigħat kull xahar ċertament ma setax ikun impost fuq l-impjegati part-time, jew mill-inqas, mhux sakemm huma jkunu laħqu l-għadd ta' sigħat ta' xogħol full-time. Dan għaliex kull obbligu bħal dan impost qabel ma jkun intlaħaq il-limitu full-time għandu dejjem jirriżulta fi ħlas inqas għall-impjegati part-time fir-rigward tas-sigħat "vojta" (jiġifieri, sigħat iktar mis-sigħat part-time u sas-sigħat full-time).

58. Hu x'inhu, il-kriterju li rriżulta mis-sentenza Elsner-Lakeberg huwa, f'dak li jirrigwarda riżultat speċifiku, inkompatibbli mal-kriterju applikat fis-sentenza Helmig. Meta ddeċidiet il-kawża Voß il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, kellha tagħżel bejn dawk iż-żewġ metodi u hija għażlet dik tas-sentenza Helmig [41] Konvint li l-dik għażla tista' tkun spjegata l-aħjar kif ser ngħid.

59. L-ewwel, ninnota li l-kriterju ta' "piż akbar" jidher pjuttost diffiċli lil hinn mill-kuntest fattwali speċifiku tal-kawża Elsner-Lakeberg. Tabilħaqq, f'dik il-kawża, "il-piż" identifikat kien espress f'termini ta' għadd fiss ta' sigħat ta' xogħol (li kellhom jinħadmu qabel ma beda jingħata ħlas

[40] Konklużjonijiet fil-kawża JämO, punt 32. Konformi mas-suġġerimenti tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat tqis, għall-fini tal-paragun, supplimenti ta' "sigħat inkonvenjenti" li qbiela rċevew minħabba li l-ammont tagħhom ivarja kull xahar skont skemi ta' xifts varjabbli. Minflok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset is-salarju bażiku ta' kull xahar tal-qbiela u l-ħaddiema komparabbli rilevanti. Sentenza tat-30 ta' Marzu 2000, JämO (C-236/98, EU:C:2000:173, punt 39 sa 45).

[41] Ara l-punti 47 sa 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

addizzjonali). Forsi wieħed jista' jistabbilixxi b'mod tassew faċli l-perċentwali li dak "il-piż fiss" jirrappreżenta *vis-à-vis*, l-iskema part-time partikolari u l-iskema full-time, rispettivament. Dak l-eżerċizzju għandu, madankollu, isir ferm iktar kumpless jekk l-istess loġika kellha tiġi trasposta għal kawża bħall-kawża Voß. Tabilħaqq, f'dik il-kawża, l-ekwivalenti ta' "piż" ikollu jkun ir-rata mnaqqsa ta' salarju applikabbli għal sigħat "vojta". Meqjus li s-sigħat ta' xogħol f'sahra aktarx ikunu differenti minn xahar għal xahar, il-persuna li timpjega, għalhekk, qiegħda taħdem b'mira li tiċċaqlaq b'mod kostanti, billi jikkalkula, għal kull xahar, l-għadd ta' sigħat ta' xogħol "vojta" minn impjegat part-time li jkun jista' jitħallas *inqas* jekk jitqabbel ma' impjegat full-time.

60. It-tieni, u fuq kollox, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għażlet li tapplika s-sentenza Helmig sabiex tikkonferma li sempliċiment tkun eskluża l-possibbiltà li impjegat part-time jitħallas *inqas* minn impjegat full-time, għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol. Li s-salarju jitnaqqas proporzjonatament ma hijiex għażla, anki jekk wieħed seta' joħloq formula matematika prattikabbli għal dak l-għan. Ir-raġunament u r-riżultat fattwali milħuq fis-sentenza Voß, għalhekk, juri li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tadotta metodu għall-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni li jkun joffri protezzjoni iktar estensiva għall-impjegati part-time mqabbla mal-protezzjoni offruta fis-sentenza Elsner-Lakeberg.

61. Abbażi ta' dawk l-elementi inqis li l-eżami dwar jekk ikunx hemm inugwaljanza fit-trattament ta' impjegati part-time fir-rigward ta' ħlas għandu jikkonsisti f'verifika dwar jekk l-impjegat part-time ikunx qiegħed jirċievi l-istess salarju bħal ta' impjegat full-time għall-istess għadd ta' sigħat ta' (l-istess) xogħol. Dik l-evalwazzjoni għandha ovvjament tinvolvi l-eżami tal-elementi tas-salarju meta jkun hemm tali elementi (bħas-salarju għal xogħol ordinarju u s-salarju għal sahra, u sakemm l-istruttura tas-salarju ma tkunx kumplessa żżejjed li jkollha tkun mistħarrġa ġudizzjarjament), li hija tkun tinftiehem li l-eżami tal-elementi individwali tas-salarju jkun jaqdi l-għan ta' verifika jekk is-salarju jkunx l-istess.

62. Wara dawk il-kjarifiki, issa rrid ngħaddi għal din il-kawża.

C. L-applikazzjoni tal-kriterju għal dan il-każ

63. Irid nibda din it-taqsima billi nagħmel osservazzjonijiet dwar in-natura speċifika tal-impjieg part-time inkwistjoni (1). Imbagħad, billi nirreferi għad-diskussjoni fil-parti ta' qabel ta' dawn il-konklużjonijiet, għandi nikkonkludi li l-uniformità tal-limiti ta' skattar inkwistjoni ma twassalx għal inugwaljanza fit-trattament ta' impjegati part-time bħal ma huwa MK (2).

1. In-natura speċifika tal-impjieg part-time inkwistjoni

64. Isegwi mill-proċess tal-qorti li l-professjoni ta' MK bħala pilota hija x'aktarx speċifika fis-sens li ma hijiex suġġetta għal kwalunkwe sigħat fissi ta' xogħol.

65. Il-konvenuta spjegat, mingħajr ma kienet kontradetta minn MK, li hemm, bħala prinċipju, ċertezza dwar meta jibda l-jum ta' xogħol, iżda ftit tbassir dwar meta jintemm. Dan iseħħ ġeneralment minħabba n-natura speċifika tat-traffiku tal-ajru li jagħmel kull vjaġġ daqsxejn imprevedibbli minħabba li jista' jkun hemm dewmien għal raġunijiet meteoroloġiċi, operazzjonali jew tekniċi. Għalkemm kull vjaġġ ikun ippjanat, l-ippjanar ikollu, kważi l-ħin kollu, jiġi mmodifikat. Tmiem kull jum ta' xogħol ikun, għalhekk, irreġistrat elettronikament kuljum. Isegwi li l-uniku mod kif pilota, bħal MK, jista' jaħdem fuq bażi part-time, huwa billi jingħata jiem addizzjonali ta' leave annwali, li r-riżultat tiegħu jkun ifisser li s-salarju tiegħu kull xahar

jitnaqqas proporzjonatament. Madankollu, fir-rigward tal-jiem ta' xogħol tiegħu attwali, pilota part-time jaħdem bl-istess kundizzjonijiet bħal pilota full-time għal xogħol tiegħu ta' titjir. Tabilħaqq, kuntrarju għal professjonijiet oħra, pilota rari jkun f'qagħda li jħalli l-post tax-xogħol tiegħu f'ħin speċifiku sabiex jiddedika ħinu, b'mod regolari, għal xi ħaġa ħlief xogħol.

66. B'mod iktar speċifiku, il-konvenuta spjegat li ma hemmx sigħat minimi ta' xogħol ta' titjir li pilota full-time jew part-time għandu jilħaq, iżda hemm ċertu valuri massimi li għandhom jiġu osservati. Hija spjegat ukoll li, għal kull pilota, hija tikkalkula l-limitu individwali tiegħu għal kull xahar f'dak li jirrigwarda sigħat ta' xogħol ta' titjir, li jifforma parti minn kuntratt ta' xogħol part-time li jista' jkun hemm u jirrifletti kemm il-pilota jkun disponibbli għall-finijiet ta' skeda ta' titjiriet. Madankollu, meta pilota part-time jilħaq il-limitu individwali tiegħu għas-sigħat ta' xogħol li jkun ħadem, huwa jitħallas b'salarju bbażat fuq ir-rata ordinarja. Ikun biss meta huwa jilħaq il-limiti ta' skattar inkwistjoni li huwa jitħallas, għas-sigħat 'il fuq minn dak il-limitu, abbażi tar-rata miżjuda rispettiva.

67. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti nifhem, għalhekk, li tagħmel sens id-distinzjoni, f'dan il-kuntest, bejn sigħat ta' xogħol part-time, sigħat ta' xogħol full-time jew sigħat ta' sahra, bħalma jagħmel sens fir-rigward ta' impjegat li jaħdem sigħat fissi skont it-tifsira tas-soltu ta' dawn it-termini. Hemm sempliċiment sigħat ta' xogħol ta' titjir li, meta jinqabżu l-limiti ta' skattar inkwistjoni, ir-remunerazzjoni għalihom tkun skont it-tliet rati miżjuda progressivi.

2. Il-limiti uniformi ta' skattar jirriżultaw f'differenza fit-trattament għal piloti part-time?

68. Id-domanda ewlenija f'din il-kawża hija jekk ir-remunerazzjoni għal "sigħat ta' xogħol ta' titjir"[42] fir-rigward tas-sigħat ta' xogħol iktar mil-limiti ta' skattar inkwistjoni, hijiex diskriminatroja *vis-a-vis* piloti part-time, mqabbla ma' piloti full-time[43], minħabba l-uniformità ta' dawk il-limiti. Kif indikat iktar 'il fuq, il-qorti tar-rinviju rabtet din id-domanda mal-istħarriġ dwar jekk l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni inkwistjoni għandhiex tkun ibbażata fuq il-konsiderazzjoni ta' "ħlas globali" jew fuq il-konsiderazzjoni tal-elementi tas-salarju.

69. Il-pożizzjonijiet espressi f'dawn il-proċeduri huma differenti minn xulxin.

70. Skont MK, għandha ssir evalwazzjoni ta' kull element tar-remunerazzjoni meqjusa individwalment. Il-fatt li l-limiti ta' skattar ma jitnaqqsux proporzjonatament mal-fattur part-time tiegħu jikser il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni tal-impjegati part-time. Il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni jieħdu pożizzjonijiet simili[44].

71. Il-konvenuta targumenta b'mod kuntrarju u hija tal-fehma li l-evalwazzjoni tista' tkun ibbażata fuq il-kriterju ta' ħlas globali li, f'din il-kawża, iwassal għall-konklużjoni li l-limiti ta' skattar uniformi inkwistjoni ma jirriżultaw f'ebda differenza fit-trattament. Pożizzjoni simili ħaduha wkoll il-Gvern tad-Danimarka, dak tal-Polonja u tan-Norveġja. Dawk il-gvernijiet jisħqu li, għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir maħduma, il-piloti part-time u full-time jirċievu

[42] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[43] Ma huwiex ikkontestat li l-ħaddiem full-time komparabbli għal pilota part-time bħal MK jidher li huwa pilota full-time. Il-qorti tar-rinviju tinnota li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jagħmlu r-remunerazzjoni għal sigħat addizzjonali ta' xogħol ta' titjir dipendenti biss fuq jekk l-attività rilevanti titwettaqx sa ċertu punt. Għalhekk, huma japplikaw bl-istess mod għall-impjegati kollha li jkunu kklassifikati ekwipaġġ tal-kabina u li jaħdmu sigħat ta' xogħol ta' titjir.

[44] Madankollu, kuntrarju għar-rikorrenti, il-Gvern Ġermaniż iqis li d-differenza fit-trattament hija ġġustifikata bl-għan ta' kumpens għal ammont ta' xogħol partikolari filwaqt li l-Kummissjoni tikkunsidra, fil-prinċipju, li l-kundizzjonijiet li taħthom differenza fit-trattament tista' tiġi ġġustifikata ma jidhrux issodisfatti. Infakkar li l-istess ġustifikazzjoni tad-differenza allegata fit-trattament torbot mat-tieni domanda magħmula f'din il-kawża li, kif spjegat fil-punti 17 sa 19 iktar 'il fuq, ma hijiex koperta minn dawn il-konklużjonijiet.

l-istess salarju, kif rikjest mill-kriterju stabbilit fis-sentenza Helmig u kkonfermat fis-sentenza Voß. Barra minn dan, il-Gvern Daniż wera tħassib dwar il-konsegwenzi, mas-suq tax-xogħol, ta' deċiżjoni kuntrarja li jista' jkun hemm.

72. Naqbel mal-konvenuta, kif ukoll mal-Gvern tad-Danimarka, dak tal-Polonja u tan-Norveġja, li s-sitwazzjoni inkwistjoni ma tirriżultax f'differenza fit-trattament ta' impjegati part-time.

73. L-ewwel, fir-rigward tal-metodu li għandu jintuża, niftakar, skont l-analiżi tal-ġurisprudenza mogħtija iktar 'il fuq, li l-evalwazzjoni tad-diskriminazzjoni allegata ta' impjegat part-time għandha tikkonsisti fil-verifika jekk, għall-istess għadd ta' sigħat (tal-istess xogħol), l-impjegati part-time jirċevux l-istess salarju bħal tal-impjegati full-time. Kif fakkart ukoll, dan l-eżami għandu jinvolvi li jitqiesu l-elementi individwali tas-salarju.

74. Dwar dan, nissimpatizza ma' MK, mal-Gvern Ġermaniż u mal-Kummissjoni sa fejn dawn il-partijiet kollha jagħmlu l-istess osservazzjonijiet ġenerali dwar il-ħtieġa li jitqiesu dawk elementi individwali. Madankollu isegwi mis-sottomissjonijiet tagħhom li kull wieħed minnhom jassoċja dak il-metodu, fil-prinċipju, mal-kriterju ta' "piż akbar", meqjus li jidhru li jikkonkludu li l-assenza ta' tnaqqis proporzjonat tal-limiti ta' skattar twassal għal differenza fit-trattament.

75. Għal kuntrarju, għalkemm il-Gvern tad-Danimarka, dak tal-Polonja u tan-Norveġja huma favur il-metodu ta' "ħlas globali", mis-sottomissjonijiet tagħhom jirriżulta li huma jaċċettaw l-idea li elementi individwali tas-salarju għandhom jiġu kkunsidrati, jekk din il-konsiderazzjoni tkun għadha inkwadrata skont ir-regola ġenerali, jiġifieri li l-istess sigħat ta' xogħol għandhom ikunu rremunerati bl-istess mod mingħajr ma jkun hemm obbligu li jitnaqqsu l-limiti inkwistjoni proporzjonatament mal-fattur part-time.

76. Filwaqt li nżommu f'moħħna dawn il-kjarifiki, mill-proċess tal-qorti jirriżulta li r-remunerazzjoni ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir tkun l-istess għaż-żewġ kategoriji ta' impjegati għas-sigħat ta' xogħol *inqas* mil-limiti ta' skattar stabbiliti b'mod uniformi. Ir-remunerazzjoni tiżdied ukoll bl-istess mod bħas-sigħat ta' xogħol *'il fuq* minn dawk il-limiti. Isegwi li, fir-rigward ta' kull wieħed minn dawk iż-żewġ elementi tar-remunerazzjoni, l-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir jiġi rremunerat bi ħlas ugwali. Fid-dawl ta' dan l-eżerċizzju matematiku pjuttost sempliċi, ma nara ebda diskriminazzjoni li taffettwa lil piloti part-time bħalma huwa MK.

77. Kif tinnota l-konvenuta, mhux bħas-sitwazzjoni fil-kawża Voß, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni ma jġibux ir-riżultat li impjegati part-time jitħallsu, għal kwalunkwe sigħat ta' ħin ta' xogħol tagħhom ta' titjir, *inqas* minn ta' impjegati full-time. Kif il-Gvern Daniż fakkar fis-seduta, is-sitwazzjoni inkwistjoni hija simili għall-fatti fil-kawża Helmig fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat tikkunsidra bħala li tikkostitwixxi differenza fit-trattament is-sitwazzjoni li fiha l-impjegati part-time ma kinux irċevew is-salarju kkalkulat abbażi ta' rata miżjuda għal kull l-ewwel siegħa żejda mhux skont il-kuntratt part-time tagħhom, meta dik ir-rata miżjuda kienet applikata għal impjegati part-time u full-time, biss meta jkun inqabeż dak li jkun ekwivalenti għas-sigħat full-time.

78. Kemm MK kif ukoll il-Kummissjoni argumentaw li l-fatt li l-limiti inkwistjoni ma jitnaqqsux proporzjonatament jolqot b'mod negattiv lill-impjegati part-time fir-rigward tar-relazzjoni bejn dak li jagħmlu u l-ħlas li jirċievu.

79. Irrid nammetti li nsibha bi tqila nara kif eżattament l-impatt negattiv għandu jinftiehem, meqjus li ż-żewġ kategoriji ta' piloti jidhru li huma rremunerati bl-istess mod, fir-rigward tar-remunerazzjoni għal sigħat ta' xogħol ta' titjir, għal sigħat attwalment maħduma. Tabilħaqq, dak li effettivament jagħmlu jiġi rremunerat bl-istess ħlas.

80. Li huwa importanti huwa li MK jargumenta li ma hemmx raġuni oġġettiva għala l-limiti ta' skattar *ma għandhomx jitnaqqsu* proporzjonatament mal-fattur part-time inkwistjoni, meqjus li, fil-fehma tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet kollettivi li jistipulaw dawk il-limiti ma jsegwux ġenwinament l-għan ta' kumpens għal ammont partikolari ta' xogħol u li l-valuri magħżula għal dawk il-limiti ma humiex sostnuti minn ebda element oġġettiv. Il-Gvern Ġermaniż iżid li MK jirċievi *de facto* salarju inqas minn dak ta' pilota full-time għar-raġuni li huwa x'aktarx ma jilħaqx il-limiti ta' skattar minħabba l-fatt li huwa jaħdem part-time.

81. B'reazzjoni għal dawk l-argumenti, nosserva, l-ewwel, li l-valuri tal-limiti ta' skattar inkwistjoni jikkostitwixxu riżultat ta' ftehim milħuq mill-imsieħba soċjali. Bla ħsara għall-konformità mal-limiti regolatorji applikabbli, ma hijiex din il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha jkollha dubji dwar tali ftehim jew dwar il-provi mediċi li fuqhom hija tista' tibbaża.

82. It-tieni, naqbel mal-Gvern Ġermaniż li MK jidher li jaħdem, matul perijodu ta' sena, sigħat inqas minn pilota full-time. X'aktarx il-konsegwenza ta' dan hija li jkun hemm inqas xhur li matulhom huwa jilħaq il-limiti ta' skattar u, b'dan, ir-remunerazzjoni miżjuda għas-sigħat ta' xogħol inkwistjoni.

83. Minn kif nifhimha jien, sa liema estent dan huwiex tabilħaqq il-każ jiddependi l-iktar minn kif ikun organizzat il-leave annwali ta' MK. Kif huwa kkonferma fis-seduta, tabilħaqq kien hemm xhur li fihom huwa seta' jilħaq il-limiti inkwistjoni. Madankollu, ukoll jekk dan ma kienx hekk, id-domanda rilevanti f'din il-kawża għadha jekk, għas-sigħat ta' xogħol ta' titjir attwalment maħduma, MK jirċevix l-istess remunerazzjoni bħal pilota full-time jew jekk huwa jirċevix inqas. Ir-risposta għal din id-domanda tidher li hija, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li huwa jirċievi l-istess remunerazzjoni għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol.

84. Kif il-konvenut u l-Gvern tad-Danimarka, dak tal-Polonja u tan-Norveġja argumentaw, li jekk tkun aċċettata l-pożizzjoni ta' MK għandu jirriżulta li piloti part-time jiġu ttrattati aħjar minn piloti full-time jekk l-għadd ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir jaqbeż il-limiti individwali tagħhom sas-sigħat ta' xogħol li għalihom tibda seħħ ir-rata miżjuda għall-piloti full-time. Fil-każ ta' impjieg part-time ta' 90% ta' sigħat ta' xogħol full-time dik id-differenza aktarx tkun limitata. Fil-każ ta' impjieg part-time ta' 50% ta' sigħat ta' xogħol full-time, id-differenza tkun inqas minn hekk, iżda jkollha tapplika l-istess loġika. Fi kwalunkwe każ, ukoll jekk id-differenza għandha tkun dwar ir-remunerazzjoni ta' siegħa waħda biss ta' xogħol ta' titjir, id-domanda korretta f'dan il-kuntest ma hijiex jekk hemmx xi raġuni għaliex il-piloti part-time ma għandhomx jirċievu tali trattament minħabba t-tnaqqis proporzjonali tal-limiti inkwistjoni, iżda jekk il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni ta' ħaddiema part-time, stabbilita fil-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas, tirrikjedix tali tnaqqis u tali trattament.

85. Kif diġà tfakkar, il-Ftehim Qafas jistabbilixxi regoli ta' protezzjoni minima. Dak il-livell ta' protezzjoni jitlob, kif spjegajt iktar 'il fuq, li remunerazzjoni tkun l-istess, u mhux inqas jew iktar, għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol imwettaq mill-impjegati part-time u full-time.

86. Isegwi mill-proċess li MK jirċievi, għall-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol ta' titjir, l-istess salarju bħal pilota full-time. Fil-fehma tiegħi, għalhekk, huwa mhux qiegħed jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minn pilota full-time.

V. Konklużjoni

87. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal-ewwel domanda magħmula f'din il-kawża mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) kif ġej:

Il-klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time, anness mad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267)

għandha tkun interpretata bħala li tfisser li ma tipprekludix dispożizzjoni li tinsab fi ftehim kollettiv li skontha remunerazzjoni addizzjonali għal impjegati part-time u full-time tkun tiddependi b'mod uniformi fuq l-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol li jkunu nqabżu, meta l-istess għadd ta' sigħat ta' xogħol mill-impjegati part-time u full-time għall-istess xogħol ikunu rremunerati bl-istess salarju."